KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sebgħa u Tletin (37)***

***It-Tlieta, 31 ta' Awwissu, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
IL-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**37.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

37.1.1 Il-Kunsilliera Rose Agius infurmat li peress li għandha problema bl-internet mhux se tkun tista tipparteċipa fil-laqgħa tal-Kunsill għaldaqstant talbet li tkun skużata. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

**37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

37.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 36 li nżammet nhar it-Tlieta, 3 ta' Awwissu, 2021.

37.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 36 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

37.2.3 **Mozzjoni 37-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 36.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 36 ġew approvati unanimament.

**37.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

*A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 37 (08) – Awwissu 2021 (Part 2)*

37.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 37(08) permezz cheque numru 7174 (ref. 10046) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10047 sa 10079 li jammontaw €36,198.33

37.3.2 **Mozzjoni 37-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 37(08) bl-ammont ta' €36,198,33

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 37(08) ġiet approvata unanimament.

**37.4 Korrispondenza**

37.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret laqgħa mal-ERA dwar l-ittra tar-recycling points. Huma infurmawna li bil-liġi aħna obbligati bħala Kunsill li nipprovdu sit wieħed għal kull 2000 abitant. Għaldaqstant il-Kunsill huwa obbligat li jipprovdi sa żewġ siti. Is-Sindku Darren Abela sostna li bħala Kunsill qatt ma qabel li jerġgħu jitpoġġew l-iskips

minħabba li dawn tneħħew peress li qatt ma kienu kkontrollati u kienu jiġġeneraw ammont kbir ta' skart. Il-Kunsill qed ikompli jsostni li sakemm ma jsirux cameras li jiġu sorveljati mill-ERA, il-Kunsill mhux se jkun dispost li jipprovdi siti.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa l-Kunsillier Keith Fenech ma kienx preżenti.*

37.4.2 Tressqet korrispondenza mingħand il-Ministeru dwar il-Monument tal-Familja fejn infurmawna li min-naħa tal-Ministeru għall-ugwaljanza ma jsibu ebda oġġezzjoni li jsir il-Monument hekk kif propost fl-abbozz. Il-Vici Sindku Christine Dalli kif ukoll il-Kunsillier Andreas Gatt baqgħu isostnu li ma jaqblux mal-Monument kif propost li jsir. Is-Sindku Darren Abela ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir il-monument.

37.4.3 Tressqet korrispondenza mingħand il-Ministeru tal-Ilma u l-Enerġija dwar il-kampanja Water-Be the Change fejn qed jitolbu *No Objection* tal-Kunsill sabiex il-Mobile Unit jitpoġġa fi Triq id-Dejl nhar il-Ġimgħa 24 ta' Settembru sal-Ħadd 26 ta' Settembru. Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li minflok jitpoġġa fi Triq il-Barbazzal fejn il-ground tal-Kappillan minħabba li hemm iktar fejn isir parkeġġ mingħajr inkonvenjent lir-residenti tal-madwar. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jipproponilhom din iż-żona, f'każ li din ma tiġix aċċettata, il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni li ssir fejn propost.

37.4.4 Tressqet kwotazzjoni għal asfalt. Din il-kwotazzjoni intalbet minħabba li l-kuntrattur tat-tender mhux jonora l—kuntratt u mhux qed jagħti s-servizz mitlub. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li t-tender jitwaqqa' u fejn jidħol patching urġenti, jibda jsir b'direct order u billi tintalab stima minn qabel.

**37.5 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

37.5.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex Melita plc iwaħħlu kaxxa minn tagħhom fi Triq Santa Marija kantuniera ma Triq San Filippu. Il-Kunsill ma jaqbilx li din il-kaxxa titpoġġa hemm minħabba li tista tkun ta' ngombru. L-aħjar li ssir fuq Santu Rokku fejn kienet.

37.5.2 Is-Sindku Darren Abela pporpona li ssir arblu bil-bozza fi Triq il-Barklor, il-parti l-ġdida. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

37.5.3 Is-Sindku Darren Abela qal li ġie avviċinat mill-Enemed sabiex it-Triq il-ġdida fiż-żona ta' Ħas Saptan tiġi msemmija Triq il-Mina tal-Ħażna tal-Fuels. Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li l-isem hu ftit twil u għaldaqstant ppropona li tissemma Triq il-Mina. Dwar dan, il-Kunsilliera preżenti qablu.

37.5.4 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li l-Compliance tal-Bandli għadu ma tlesthiex mill-Perit tal-Kunsill. Minħabba li dan huwa urġenti, il-Kunsill qabel li jibgħat uffiċċjalment lill-Perit fejn jinfurmah dwar dan u jitolbu l-affarijiet li hemm pendenti b'mod immedjat. Rigward il-meter tad-dawl tal-bandli, peress li dan għadu ma twaħħalx minħabba li għad m'hemmx il-Compliance, is-Sindku ppropona li jsir *shifting* tal-meter tad-dawl li hemm fuq Santu Rokku. Dwar dan il-membri preżenti qablu.

37.5.5 Is-Sindku Darren Abela qal li qed jirċievi diversi lmenti dwar il-ħmieġ tal-ħamiem. Għaldaqstant huwa ppropona li jsir xi ħaġa dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill meta ħarġet is-sejħa mill-AKL ma kienx applika minħabba li dakinhar din il-problema ma kinitx identifikata. Is-Sindku qal li f'dal-każ hemm bżonn li l-Kunsill jagħmel xi ħaġa dwar dan l-ilment. Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li l-aħjar din il-materja tiġi diskussa meta jkun hawn preżenti l-Kunsilliera responsabbli mill-ħarsien tal-annimali. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

37.5.6 Is-Sindku Darren Abela qal li ġie avviċinat mill-Dilettanti tal-Post tan-Nar ta' San Ġużepp fejn qed jitolbu li bħal ma sar fejn il-post tan-Nar ta' Santa Marija, jiġi mgħoddi pipe taħt l-art biex ikunu jistgħu jgħaddu l-wires minnu. Il-Kunsill qabel li bħal ma sar fejn il-Post tan-Nar ta' Santa Marija, jsir ukoll l-istess u titressaq il-kwotazzjoni waqt laqgħa tal-Kunsill.

**37.6 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

37.6.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet jekk il-cameras ta' Triq il-Merill twaħħlux. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qabel irid isir arblu u se jiġi ordnat.

37.6.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li ġiet infurmata minn bidwi li hemm xi kwistjoni rigward xi ġibjun lejn Bir id-Deheb. Is-Sindku Darren Abela qal li ma sema' xejn dwarha u għaldaqstant talab lil min avviċina lill-Vici Sindku biex jgħaddilna iktar informazzjoni dwar din il-kwistjoni.

37.6.3 Il-Kunsillier Andreas Gatt staqsa dwar siġar li hemm fi Triq il-Ġistakor sabiex jinżabru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn jinsabu fil-privat. Is-Sindku Darren Abela ppropona li naraw ta' min huma biex jinżabru mis-sid. F'każ li ma jinstabx ta' min huma, il-Kunsill ikollu jiżbor minħabba li huma ta' nkonvenjent għar-residenti tal-madwar.

**37.7 Mozzjonijiet**

37.7.1 Annessi mal-Minuti

**37.8 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

37.8.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tnejn 27 ta' Settembru 2021 fil-5.30pm u li għandha terġa' ssir b'mod virtwali fuq qbil bejn il-Kunsilliera preżenti.

Il-Laqgħa ntemmet fit-7.10pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 37**

**Mozzjoni Ref:** 37-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 36

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 31 ta' Awwissu 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 37**

**Mozzjoni Ref: 37-02**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti

**Andreas Gatt**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

---

**Data:** 31 ta' Awwissu 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**